**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 13 ta' Frar 2025**

Rikors Numru: 442/24 AL

AB

vs

CD

Il-Qorti;

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tieghu esponiet:

1. Illi l-partijiet iżżewġu nhar is-sitta u għoxrin ta' Mejju tas-sena elfejn u tmintax (2018) fil-Knisja Parrokkjali ta' San Bastjan, Ħal-Qormi, Malta - certifikat anness u mmarkat bhala Dok 'A'

2. Illi l-partijiet sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat ħamsa u għoxrin (25) ta' Frar tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021), kopja ta' liema kuntratt qieghed jigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok 'B'.

3. Illi minn dan iż-żwieġ, ma twieldux tfal.

4. Illi għaddew aktar minn sena mid-data li fiha l-partijiet ilhom jgħixu ħajja separata minn xulxin, u ma hemm ebda prospett raġjonevoli għal rikonċiljazzjoni bejniethom.
5. Illi għaldaqstant l-esponenti tissodisfa r-rekwiżiti kollha stabbiliti mil-liġi biex jingħata d-divorzju.
6. Illi hija tixtieq li tiddivorzja u li tħoll iż-żwieġ tagħha.

Talbet lill-intimat jgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tawtorizza u tippronunzja l-ħall taż-żwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-reġistratur tal-Qrati sabiex fiż-żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet sabiex dana jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku,

U dan taht kull provvediment ieħor li jidhrilha xieraq u opportun

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha tal-21 ta' Ottubru 2024;

Semghet lill-avukat difensur tal-intimat prezenti fl-awla jiddikjara li l-intimat li m'ghandu l-ebda oggezzjoni li jintlaqghu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa r-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-25 ta' Frar 2021;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illtilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir res judicata, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.